MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 303/2010

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-2 ta’ Ottubru 1999 f’Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal tant li matul iz-zwieg l-partijiet qatt ma ghamlu tentattivi biex ikollhom tfal;

3. Illi meta zzewgu l-partijet izzewgu bil-kondizzjoni li l-ewwel ihallsu d-dejn izda li gara l-partijiet kienu jahdmu minn bi nhar sa bil-lejl u d-dejn qatt ma jissalda ruhu;
4. Illi l-partijiet huma separati de facto u kull parti tghix ghal rasha;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
7. Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Ottubru 1999 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn ir-rikorrenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi, b'dan pero' li hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg huma imputtabbli lir-rikorrenti u mhux lill-esponenti;

Illi ghal din ir-raguni l-esponenti m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-konvenut naqas milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi illi gew prodotti illi il-partijiet iltaqghu meta l-attrici kellha madwar 19 il-sena. Kienu fi klikka ta' hbieb, umbaghad bdew johorgu flimkien. L-attrici xehdet illi l-konvenut kien diga gharus u kellu l-post tieghu, hassar u beda johrog maghha, izda meta kienu gharajjes baqghu johorgu fi grupp u ma tantx qatghu hin wahedhom bhala koppja. Wara tlett snin li kienu ilhom johorgu flimkien dejjem fi grupp ma hbieb il-konvenut sab post li ried jixtri bl-ghajnuna tal-genituri tieghu u izzewgu. L-attrici xehdet illi ma kellhomx engagement party, kienu biss bierku ic-crieket u meta izzewget kellha tnejn u ghoxrin sena u il-konvenut kellu sebgha u ghoxrin sena. Hija kompliet tixhed illi meta il-konvenut mar biex jixtri id-dar lanqas biss hadha mieghu biex taraha, mar ma missieru, xtara id-dar f'ismu, ghamel depositu fuq il-konvenju u halla dejn fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf lira Maltin (LM28,000) u l-attrici xehdet illi izzewgu fit-2 ta' Ottubru 2010 u ftit qabel hija kienet ser thassar kollox u dana peress illi kienu ftehmu li hu jixtri l-post u hi taghmel it-tieg u l-ghamara fid-dar. Kellhom hafna konflitti principalment minhabba il-familjari tieghu. Skond l-attrici

il-problema kienet illi hi kienet ser thallas it-tieg, izda kienet sabet hafna indhil, ohtu riedet tikteb l-inviti u baqghet tindahal f'kollox fejn jirrigwarda preparamenti tat-tieg. L-attrici ma rieditx, izda il-konvenut kien zamm ma ohtu u ghalhekk iggieldu u irrangaw biss jumejn qabel it-tieg. L-attrici xehdet illi ma hassritx ghaliex kellha kollox lest. Fil-honeymoon marru Londra u Parigi, izda l-attrici indunat fil-honeymoon illi hija u il-konvenut kellhom gosti totalment differenti, haga li ma innuntatx qabel peress illi kienu johorgu fi grupp. L-attrici spjegat illi hija kienet thobb tmur il-muzewijiet, izda hu kien mohhu biss biex jiekol u jixrob u ghalhekk ghaddew il-honeymoon il-hin kollu jiggieldu. L-attrici xehdet illi indunat illi zbaljat mill-ewwel. L-attrici xehdet illi meta izzewgu qatt ma kellhom f'mohhhom li ikollhom it-tfal u qatt ma ippruvaw ghat-tfal. Hija kienet ilha tiehu il-pill ghaxar snin shah u kienu anke juzaw kontracettivi ohrajn biex zgur ma jkollhomx tfal. L-attrici xehdet illi dan ftehmuh sa minn qabel ma izzewgu sabiex ihallsu id-dejn illi kellhom. L-attrici kompliet tghid illi l-konvenut kien it-tip illi jekk ikollu problema ma jitkellimx u kien jizvoga ma persuni ohrajn u mhux maghha. L-attrici kompliet tixhed illi xi sentejn wara iz-zwieg kienet biddlet il-job, bdiet tahdem ma tal-familja, izda meta il-business beda imur tajjeb il-konvenut beda jghir. Hija qalet illi l-konvenut kien ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u hi kienet thallas l-ispejjez kollha l-ohrajn. Hija xehdet illi meta il-konvenut beda jara li l-business kien sejjer tajjeb u beda jghir ghaliha, beda johrog mal-hbieb, ma jghidilhiex fejn ikun sejjer, jidhol fis-sakra u xi drabi wkoll jaghtiha xi daqqa ta' ponn. Kien dejjem mohhu biex jigri barra mal-hbieb u hi qatt ma kienet tkun mistiedna. Meta imorru tieg flimkien kien imur isib il-bar u ihalliha waheda. Sa dan it-tant il-pjanijiet ghat-tfal kienu evaperaw. L-attrici kompliet tghid illi l-konvenut beda jixrob ta' kulljum u jiksirha quddiem in-nies. Darba minnhom kienu marru cruise flimkien u il-konvenut dejjem mohhu biex jixrob u lilha ihalliha warajh. Kienu isiefru tlett darbiet fis-sena izda il-konvenut qatt ma kien iffittixha u spiccaw ikollhom x'jaqsmu flimkien darba kull erbgha xhur u ta bil-fors ghaliex hi ma kienitx tkun trid u kienu joqghodu ferm attenti illi ma jkollhomx tfal. L-attrici xehdet illi ghalkemm damu ghaxar snin mizzewgin qatt ma ghixu

bhala mizzewgin, kullhadd jahseb ghal rasu f'kollox u ma jaqsmux flimkien. Hija xehdet ukoll illi mhux l-ewwel darba li rat lill-konvenut ma haddiehor u indunat ghaliex kienet hadet infezzjoni minghandu. L-attrici xehdet ukoll illi ma kienu jaqsmu xejn, ma kellhom l-ebda interessi in komun u sa mill-bidu nett taz-zwieg ghixu hajja separata minn xulxin u ma kienu xejn kompatibbli. L-attrici xehdet illi il-konvenut kien iqarraq biha peress illi ma kienitx taf illi kien xurban, ma kienitx taf illi kien vjolenti u lanqas kienet taf illi kien ser jghix hajja totalment separata minn maghha. Fl-ahhar bdiet idum ix-xoghol sal-hdax ta' filghaxija u tmur id-dar biss biex tinhasel u torqod sa kemm isseparaw.

Illi xehdet ukoll oht l-attrici Dianne Izzo illi ikkollaborat ix-xhieda tal-attrici. Hija xehdet illi darba minnhom kienet prezenti meta il-konvenut kien sawwat lil ohtha wara li gie id-dar tard u xurban.

Illi xehdet ukoll Viviane Bonello u ukoll ikkollaborat ix-xhieda tal-attrici. Viviane Bonello, omm l-attrici, xehdet illi bintha kienet tghidilha illi hija qatt ma riedet tfal, aktar u aktar issa li kienet saret taf il-karattru veru tal-konvenut u ghalhekk ix-xhud bdiet tibza illi bintha qatt ma setghet kienet tkun taf xi iffisser zwieg hieni, hajja ta' koppja u hajja ta' familja.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u ikkonferma illi huwa kien xi hames snin akbar mill-attrici u illi meta kienu johorgu flimkien u kienu anke gharajjes dejjem hargu fi grupp. Huwa xehed illi kienu ghadhom zghar, xi ftit immaturi u mohh ir-rih, izda wara xi tlett snin li bdew johorgu flimkien huwa kien hass illi kien wasal iz-zmien illi jizzewgu u bil-ghajnuna tal-genituri taghhom ghamlu hekk. Missieru ghinu biex xtara il-post. Il-konvenut ikkonferma illi l-ewwel ma raw il-post kienu missieru u missier il-konvenuta (nahseb trid tigi attrici), tawh il-go ahead biex jinnegozja il-prezz, umbaghad ratu l-attrici. Il-konvenut xehed illi hadd ma qaghad iqis illi il-post l-ewwel jogghbok lilu u lill-attrici. L-aktar haga importanti kien li kien ser ikun bicca negozju

tajba u dan sehh ukoll fiz-zwieg taghhom, ix-xoghol kien gie l-ewwel u qabel kollox, specjalment ghall-attrici. Il-konvenut xehed illi huwa persuna 'easy going' u halla f'idejn l-attrici sabiex tarreda l-post kif riedet hi. Il-konvenut xehed illi kien minnu illi inqala il-glied dwar il-preparamenti tat-tieg u illi hu u l-attrici ma kienux jitkellmu dwar il-futur taghhom flimkien, izda biss dwar il-preparamenti ghat-tieg u bil-kemm kienu jiltaqghu qabel iz-zwieg taghhom. Il-konvenut xehed ukoll illi qatt ma kienu iddiskutew dwar il-futur taghhom u qatt ma ghamlu pjanijiet dwar tfal, dwar kif ser jaqsmu il-finanzi u il-'budgeting' u ix-xoghol tad-dar, izda qal illi l-attrici kienet tghid li rieditx tfal ghaliex kienu iggibu wisq intrigu u irbit u kienet tistqarr li l-karriera u x-xoghol kienu ferm aktar importanti ghaliha u baqghet bl-istess fehma anke wara iz-zwieg. Il-konvenut xehed illi ghall-attrici kien jezisti biss ix-xoghol u n-negozju u hu qatt ma indahlilha x'taghmel bil-flus taghha u kienet tonfoq hafna hwejjeg u affarijiet tad-ditta. Huwa xehed illi kienet l-istess attrici illi kienet tghidlu biex johrog jiehu drink ghaliex kienet ser idum ix-xoghol u kienet issiefer fuq xoghol darbtejn fix-xahar u thallih id-dar wahdu. Il-konvenut xehed illi kellhom accounts separati u dan kien fuq suggeriment tal-attrici u ikkonferma illi qatt ma hargu flimkien bhala koppja, anzi kienu dejjem jaraw kif jaghmlu biex jevitaw lil xulxin. Il-konvenut xehed illi ma tantx kien ikollhom x'jaqsmu flimkien, l-attrici dejjem kienet toqghod attenta li ma tinqabadx tqila. Hug hall-ewwel ried it-tfal, izda meta ra l-affarijiet sejrin hazin ma riedx illi jkollu tfal mill-attrici. Il-konvenut cahad illi kien issawwat lill-attrici u li kien jibdilha u qal illi kienet l-attrici li iddecidiet illi tissepara, qabdet u telqet mid-dar u ma rieditx taf aktar bih. Il-konvenut xehed illi l-attrici izzewgitu ghal ragunijiet finanzjarji biex tigwadanja minn negozju tieghu, qatt ma habbitu u kien mohha biss biex tghix hajja komda u indipendenti.

Illi xehdet oht il-konvenut Mariella Aquilina u ikkolloborat ix-xhieda tal-konvenut. Hija xehdet illi l-attrici hija mara determinati u indipendenti ferm, ma tippruvax tasal ghall-kompromess, izda tibqa tinsisti illi tghaddi taghha. Mariella Aquilina xehdet illi huwa il-konvenut qatt ma kellu zwieg kif suppost.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ikkontendiet illi iz-zwieg bejnietha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null peress li l-kunsens ta' xi hadd minnhom jew tat-tnejn li huma kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, peress illi l-kunsens taghhom, jew ta' xi hadd minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u peress illi l-kunsens taghha inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenut li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew peress li setgha kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li iwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija inkwadrata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dejjem gie ritenut illi sabiex tirrizulta din il-kawzali irid ikun hemm inkapacita psikika u mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi hadd mill-partijiet ma kellu diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligi u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi irrizulta illi l-attrici kien mohha fix-xoghol u fil-business taghha u kienet tqatta hinijiet twal tant illi kienet tirritorna id-dar fil-hdax ta' filghaxija, ma kienitx issajjar, ma kienitx tiehu hsieb id-dar u il-konvenut minflok ra kif ghamel biex jipprova issalva iz-zwieg kien johrog mal-hbieb jixrob u sahansitra jisker ta' spiss.

Illi irrizulta wkoll illi hadd mill-partijiet ma kien interessat verament illi jkollu t-tfal. Huma kienu juzaw diversi kontracettivi sabiex zgur ma jkollhomx tfal u irrizulta illi ma

kellhom l-ebda xewqa reali, jew xi tip ta' pjan illi jkollhom tfal fil-futur.

Illi irrizulta wkoll illi qatt ma kien hemm il-komunjoni tal-hajja mizzewga bejn il-partijiet tant illi kienu anke johorgu separatament, jew inkella per ezempju imorru tieg, wiehed imur naha u l-ohra tmur in-naha l-ohra. Huma kienu mizzewgin, izda kienu jghixu bhala separati taht l-istess saqaf, ma kienux jaqsmu il-flus bejniethom, ma kien hemm l-ebda tip jew forma ta' djalogu u certament hadd minnhom ma kellu l-intenzjoni sabiex jghix hajja ta' zwieg illi tispicca biss mal-mewt ta' xi hadd mill-partijiet u li tinkludi id-dritt ghall- prokreazzjoni tat-tfal, ghall-'mutual well-being', ghall-ghaqda u l-unjoni li tinkludi wkoll l-ghaqda konjugali bejn il-partijiet u d-dritt tal-fedelta.

Illi gie ippruvat ukoll illi sa mill-bidu nett taz-zwieg il-partijiet ma kienx ikollhom relazzjonijiet sesswali ta' spiss bejniethom u ghalhekk anke dan l-element essenzjali ta' zwieg kien nieqes fil-hajja mizzewga tal-partijiet.

Illi id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga huma l-obbligazzjoni illi tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokeazzjoni tal-ulied, l-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u ta' imhabba bhala espressjoni ta' ghaqda bejn mara u ragel, il-'mutual well-being', kif ukoll l-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal-komunita taz-zwieg.

Illi ghalhekk irrizulta illi l-partijiet ma kellhomx dik il-kapacita intellettwali u volutiva sabiex jassumu u jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u ghalhekk minkejja illi ma tirrizultax it-tieni parti tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 u cioe' ma irrizultax illi xi hadd mill-partijiet kien affett minn xi anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonjiet essenzjali taz-zwieg, irrizulta illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq zwieg u fuq l-obbligazzjonijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 dan jghid hekk :

Jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewġa, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg allura dak il-kunsens ikun null u konsegwentement iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null.

Illi dejjem gie ritenut illi l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg ma ghandhiex necessarjament tirrizulta minn xi haga espressa direttament mill-partijiet izda tista tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb il-kunsens taz-zwieg.

Illi is-simulazzjoni tista tkun totali jew inkella parzjali.

Illi kif diga inghad il-partijiet ma riedux tfal u lanqas ma kienu iffittxu lil xulxin sesswalment.

Irrizulta wkoll illi ma kien hemm l-ebda komunjoni ta’ hajja mizzewga bejniethom u irrizulta wkoll mill-provi illi kif xehed l-istess konvenut l-akkwist tad-dar taz-zwieg kienet bicca negozju tajba u mhux verament it-tfittxija tad-dar taz-zwieg tal-koppja.

Illi tant hu hekk illi l-attrici lanqas biss marret tara id-dar, izda marru jarawha missierha, missier il-konvenut u il-konvenut u kienu huma li hadu id-decizjoni u l-attrici lanqas tant ipprotestat dwar dan kollu.

Illi sabiex tirrizulta is-simulazzjoni parzjali irid jigi ippruvat illi xi hadd mill-partijiet ikun ekluda jew il-komunjoni tal-hajja konjugali, jew l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, jew id-dritt tal-fedelta, jew inkella id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tara illi iz-zewg partijiet eskludew l-elementi essenzjali kollha u ghalhekk il-Qorti tara illi giet ippruvata is-simulazzjoni totali da parti taz-zewg partijiet.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 dan l-Artikolu jghid illi zwieg jigi dikjarat null jekk il-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi sabiex tirrizulta din il-kawzali irid jigi ippruvat illi l-konvenut zamm xi kwalitajiet tieghu mistura mill-attrici qabel iz-zwieg illi hargu immedjatament wara u li kienu ta’ tfixkil serju ghall-hajja mizzewga tal-partijiet.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici sabiex issostni it-tezi taghha xehdet illi ma kienitx taf illi l-konvenut kellu din it-tendenza li jixrob ta’ kulljum.  Hija xehdet illi wara iz-zwieg il-konvenut inbidel ukoll f’sens iehor, tant illi kien sar vjolenti.  L-attrici xehdet illi l-konvenut wara iz-zwieg sar ukoll vjolenti u dana peress illi kien ikun xurban.  Il-Qorti ma tarax illi din il-kawzali giet ippruvata kif trid il-Ligi.

Illi dak illi gara kien illi l-partijiet ma tantx kienu jghaddu hin flimkien qabel iz-zwieg, kienu johrogu fi grupp ta’ hbieb minflok joqghodu flimkien u b’hekk ma kienux saru jafu il-karattru ta’ xulxin sew.

Illi dana pero’ ma iffissirx illi l-konvenut heba il-kwalitajiet tieghu, jew id-difetti tieghu mill-attrici, izda l-attrici ma kellhiex zmien ghaliex la hi u il-konvenut ma ippruvaw iqattghu xi hin flimkien sabiex isiru jafu lil xulxin u ghalhekk l-attrici ma kellhiex iz-zmien sabiex issir taf verament il-karattru tal-konvenut, izda dan ma iwassalx ghall-prova illi il-kunsens taghha inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-konvenut illi setghet tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Ottubru 1999 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dana peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’

gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-partijet kien inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.  Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------